# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-**Erbgha 4 t'Ottubru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs.**

**Massimo Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Massimo Abela ta' 34 sena, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' Novembru, 1971 iben Alfred u Giuseppina nee' Cundari, u joqghod 'Casa Santa Marija', Triq it-Troll, Mqabba detentur tal-karta tal-identita' 511571M

Akkuzat talli:

1) Fl-10 ta' Settembru, 2005 ghall-habta tal-00.15 a.m. waqt li kien ghaddej bil-vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-registrazzjoni MAM 555 u cioe' fi Triq l-Kosta, Bahar ic-Caghaq, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita

gravi fuq il-persuna ta' Luke Mallia detentur tal-karta tal-identita' 429183(M) hekk kif iccertifika Dr. Michael Spiteri MD (Reg No 2666) tal-isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn u dan ai termini tal-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta' Giovanna Zammit detentrici tal-karta tal-identita' 422170M hekk kif iccertifikat Dr. Maria Mallia tal-isptar San Luqa, liema ferita hija ta' natura hafifa u dan ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;
3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni JBF681 u vettura tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni KGY 020 u li minhabba b'hekk ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Luke Mallia detentur tal-karta tal-identita' 429183M u offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giovanna Zammit detentrici tal-karta tal-identita' 422170M u dan ai termini tal-Artikoli 328(b), 328(c), u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, saq l-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz u dan ai termini tal-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li Massimo Abela jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan kollha ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-kunsens mibghuta mill-Avukat Generali fit-22 ta' Settembru, 2006[1], sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

[1] Ara fol. 4 tal-process

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollhaipprezentati

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tad-difensur tal-*parte civile* Luke Mallia u tal-avukat difensur tal-imputat.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-incident tat-traffiku in kwistjoni bejn tlett vetturi gara ghal habta tal-00.15a.m. fil-Coast Road ta' Bahar ic-Caghak, bejn Dahlet Qalit Marku u l-Ghallis. F'dan il-post it-triq hi dritta u tinsab bejn liwja fuq kull naha. It-triq ghandha zewg karreggjati, wahda f'kull direzzjoni u separata b'linja doppja.

2. It-tlett vetturi involuti huma dik tal-marka Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni JBF-681 misjuqa minn Luke Mallia, dik tal-marka Mitsubishi Lancer bin-numru ta' registrazzjoni MAM-555 misjuqa mill-imputat, u dik tal-marka Mercedez Benz bin-numru tar-registrazzjoni KGY-020 misjuqa minn Paul Sciberras.

3. F'dan l-incident korrew gravi is-sewwieq tal-Opel Corsa, Luke Mallia, li sahansitra kien fil-perikolu li jitlef hajtu. Wegghet ukoll Giovanna sive Joan Zammit, dak iz-zmien il-girlfriend tal-imputat li kienet riekba mieghu fis-seat tal-passiggier, u l-imputat innifsu.

4. Mill-provi migbura jirrizulta li dan l-incident sehh filwaqt li l-imputat kien qed isuq il-Mitsubishi mid-direzzjoni ta' St. Andrews lejn Bugibba, waqt li kien qed idur id-dawra tal-Maghtab ghal xi raguni tilef il-kontroll tal-Mitsubishi, qasam fil-karreggata

l-ohra fejn mid-direzzjoni opposta kienu qed jinstaqu l-vetturi l-ohra dik Opel Corsa u dik Mercedes Benz imsemmija.

5. Il-Mitsubishi laqtet il-bankina kif ukoll habtet gol-Opel Corsa li bid-daqqa ittellghet il-bankina, habtet ma' cint ta' madwar tlett filati, u weqghet f'fond ta' madwar sular taht it-triq, u mill-provi jirrizulta li din spiccat tinqaleb u titgerbeb sakemm waqfet, b'mod li l-magna sahhansitra tqacctet mill-irbit taghha u instabet fuq il-blat madwar tnax (12)-il metru il-boghod mill-vettura.

6. Il-partijiet frontali tal-Mitsubishi garrbu hsara estensiva konsegwenza tad-daqqa li hadet, l-aktar fuq ix-xellug taghha. Fil-fatt bid-daqqa li hadet, is-suspension ta' quddiem tal-Mitsubishi bir-rota b'kollox tqactet minn postha u r-rota tkissret u t-tyre iccarrat.

7. Jirrizulta wkoll li bl-istess telf ta' kontroll, il-Mitsubishi Lancer baqghet titkaxkar bis-suspension ta' quddiem imqaccta u bir-roti fuq il-bankina, sa fuq ic-cint li kien jifred lill-bankina mill-fond ta' madwar sular imsemmi, fejn hemm spiccat bil-parti ta' wara imdendel ghal isfel fuq ic-cint, bil-quddiem ihares lejn il-karreggata tal-lemin. Fl-opinjoni tal-espert Joseph Zammit, din il-vettura kellha wkoll tigi meqjusa *beyond economical repair.*

8. Waqt li kienet qed titkaxkar, il-Mitsubishi dahlet bil-genb tal-lemin taghha go quddiem il-vettura Mercedes li kienet qed issuq fid-direzzjoni ta' St. Andrews.

9. Kif inghad l-Opel Corsa spiccat taht il-livell ta' madwar sular tat-triq, tistrieh fuq ir-roti mghawgin u mkissrin, thares lejn id-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Din kellha hsara estensiva f'kull parti taghha fuq barra u fuq gewwa, fuq is-saqaf u fuq wara. Kif inghad il-magna bil-gear box b'kollax tqaccet u instabet metri l-boghod mill-vettura. Fil-fatt, fl-opinjoni tal-espert Joseph Zammit, din il-vettura lanqas kienet aktar tajba biex tintuza fit-triq.

10. Il-Mercedez garrbet hsarat l-aktar fuq il-parti frontali tax-xellug meta din habtet mal-Mitsubishi, l-aktar fuq il-bumper ta' quddiem, l-indicator u l-mudguard ta' quddiem, liema hsarat jistghu jissewwew.

11. Ma nstabu l-ebda impronti ta' brake jew tyre marks, minn karreggata ghal ohra korrispondenti mal-Mitsubishi.

12. Pero madwar 10 metri lura minn fejn instabet il-Mitsubishi, fuq l-istess naha, il-kurdun tal-bankina kien imkisser u mxellef u bi impronti fuqu (tyre marks). Fuq il-bankina kien hemm ukoll impronti u c-cint aktar l-isfel kien jinsab imwaqqa'.

13. Minn fejn kienet tinsab il-bankina bil-kurdun imkisser, fuq in-naha tax-xellug minn taht il-kurdun tal-bankina, kien hemm immarkat, imhaffer fit-tarmak, sinjali fondi li kienu jaslu sal-post sa fejn kienet tinsab wieqfa l-Mitsubishi.

*Kwistjoni Preliminari -L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta dak kollu li l-imputat qal fl-istadju tal-investigazzjoni u anke fix-xhieda li taha waqt l-inkjesta, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*Il-Meritu*

*L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni – Ferita involontarja fuq il-Persuni ta' Luke Mallia u Giovanna Zammit*

Ir-rizoluzzjoni tal-kaz odjern huwa x'ikkawza lill-imputat jitlef il-kontroll tal-vettura Mitsubishi, huwa u jdur id-dawra, u jidhol fil-karreggata l-ohra.

Is-sewwieq tal-vettura Opel Corsa, Luke Mallia, ma kien jiftakar xejn dwar l-incident, ghax konsegwenza ta' dan l-incident ghandu *mental blank* ta' bejn 14 u 15-il gurnata ghal perjodu qabel u wara dan l-incident.

Is-sewwieq tal-vettura Mercedez Benz, Paul Sciberras xehed li ra l-Mitsubishi gejja b'lura bi speed qawwi ghal fuqu, waqt li huwa kien gej mid-direzzjoni ta' Bugibba lejn San Giljan fil-karreggjata tieghu. Huwa xehed li kif il-Mitsubishi misset il-bankina, hija daret ghal fuqu bil-genb taghha, u kif ra gejja hu waqaf mill-ewwel. Sciberras xehed li l-ewwel ra il-Mitsubishi gejja ghal fuqu, imbaghad ra l-Opel iddur quddiem il-Mitsubishi fl-istess karreggata tal-Mercedes, u tisparixxi. Imbaghad il-Mitsubishi dahlet gol-Mercedes bil-genb taghha.

Joan Zammit, li kienet riekba passiggiera mal-imputat, xehdet li waqt li l-imputat kien qed isuq, hi kienet qed titkellem fuq il-mobile. Kif l-imputat kien qed idur id-dawra, f'daqqa wahda rat dawl qawwi gej f'wiccha min-naha tax-xellug, u skond l-istess xhud, il-vettura l-ohra kienet gejja ghal fuqhom minn fuq l-istess karreggata taghhom tax-xellug. Din ix-xhieda ovvjament ma taqbilx, mal-evidenza forensika, u ghalhekk mhix attendibbli.

L-ahhar xhud hu l-imputat innifsu. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li hu kien qed isuq b'velocita ta' bejn 50 u 60 km/h. Jghid ukoll li hu kien dilettant tal-karozzi sportivi, u l-vettura kienet b'magna 20 u sportiva. L-imputat jiggustifika l-fatt li hu tilef il-kontroll tal-karozza waqt li kien qed idur id-dawra u spicca fil-karreggata l-ohra, ghal zewg ragunijiet:

1. Hu jghid li kienet in-nida, u sahansitra jghid li kienet ghamlet harba xita.
2. Hu kien xtraha l-vettura xi 5 jew 6 ijiem qabel, u probabbilment tilef il-kontroll tal-vettura ghax it-tyres kienu tal-Japan, u wara diversi nies – pero mhux teknici, li lanqas biss ingabu jixhdu – qalulu li t-tyres tal-Japan ma kienux tajbin ghal Malta.

Il-Qorti tghid mill-ewwel li l-versjoni tal-fatti tal-imputat hija totalment kontradetta mill-provi forsensici, u ghalhekk inattendibbli.

Fl-ewwel lok, hadd mix-xhieda ma jghid li kienet in-nida jew li sahansitra kienet ghamlet ix-xita. Ghall-kuntrarju, fir-rapport tieghu, l-espert il-Perit Richard Aquilina jghid kategorikament li *"l-art kienet xotta"*. L-istess haga jghid l-espert Joseph Zammit *"It-triq waqt l-incident tinsab xotta anke fl-access … …"*

Rigward it-tyres, l-espert Joseph Zammit jghid hekk: *"Illi mill-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq il-Mitsubishi, ma nstabu l-ebda provi li dan l-incident seta' sehh minhabba xi hsara li setghet zviluppat fuq il-Mitsubishi qabel l-incident, in partikolari it-tyres taghha li t-tnejn ta' wara u dak tal-lemin ta' quddiem instabu shah u f'kundizzjoni gdida, fil-*waqt li t-

*tyre ta' quddiem tax-xellug kien imcarrat kompatibbli mal-habta mal-kurdun u t-tkissir tar-rota."*

Il-Qorti m'ghandix dubbju li kieku kien veru li l-imputat kien qed isuq bi speed ta' circa 50 – 60 km/s, ghalkemm forsi bit-telfien tal-kontroll tal-vettura kien imur fuq il-karreggata l-ohra, certament ma kienx jaghti daqqa daqshekk kbira lil Opel Corsa, tant li jdawwarha fit-triq, jitfaghha ghal fuq il-bankina l-ohra, u jwaqqaha gholi ta' sular, u tibqa' titgerbeb fuq il-blat, filwaqt li bl-impatt il-vettura tibqa' titkaxkar b'lura u tidhol fil-Mercedes. Inoltre l-airbags tal-Mitsubishi, kemm dik tax-xufier kif ukoll dik tal-passiggier, kienu jinsabu sparati it-tnejn il-barra. Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Zammit jghid kemm-il darba li d-daqqa kienet vjolenti u soda. Mir-rapport tal-istess espert jirrizulta li l-Mitsubishi kienet armata b'sett ta' alloy wheels wiesghin, u konsegwentement kellha *road holding* ahjar.

Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Joseph Zammit jghid li Mitsubishi kienet armata b'magna tal-istess marka 3000 cc petrol engine turbo intercooler ta' sahha kbira. Ghalhekk mhux vera dak li xehed l-imputat li l-vettura tieghu kellha magna ta' 2000 cc – li diga hija magna b'sahhitha – imma terga' kellha magna hafna iktar b'sahhitha.

Fir-rapport tieghu, l-espert Joseph Zammit jghid hekk *"Jirrizulta li tant kienet qawwija id-daqqa li kkagunat hsarat estensivi fuq il-Mitsubishi tant li l-magna bil-parti ta' quddiem tax-chassis resqu lura b'tali mod li l-prob shaft, il-parti ta' quddiem tqactet mill-post bl-istess daqqa u tqacctet il-gear box u mill-parti ta' wara mill-universal joint tieghu.*

Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-kawza unika ta' dan l-incident hija li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva vettura li kellha magna b'potenza qawwija, u baqa' ghaddej b'velocita kbira, meta kien qed idur il-liwja li hemm fit-triq, u konsegwenza ta' dan tilef ghal kollox il-kontroll tal-vettura, tant li anqas biss ipprova jghafas il-brejk biex forsi jikkontrolla l-vettura jew itaffi xi ftit l-impatt mal-Opel Corsa. Konsegwenza ta' dan, l-imputat ikkaguna is-sinistru li gara.

Fid-dawl tas-suespost, huwa car, li l-imputat saq il-vettura tieghu b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti tieghu, ai termini tal-Artikolu 226(1) u huwa responsabbli ghall-feriti li kkaguna fuq il-persuna ta' Luke Mallia u lil Giovanna sive Joan Zammit, u ghall-hsarat li kkaguna lill-vetturi Opel Corsa u Mercedez Benz.

Rigward il-feriti kagunati lil Luke Mallia, irrizulta mill-provi li dan kien fil-perikolu li jitlef hajtu, dam jiem mitluf minn sensih u kellu jaghmel diversi operazzjonijiet. Skond l-espert Dottor Mario Scerri, Mallia kien qieghed ibati mis-segwenti:

1. Frattura fil-*mantibile*
2. *Free air* fil-*maxilliary sinus* tal-lemin,
3. Frattura tal-ewwel u t-tieni kustilja tax-xellug
4. Frattura tal-*femur* tal-lemin
5. Frattura tal-patella tax-xellug
6. Frattura tal-*mid shaft femur* tax-xellug
7. Frattura tal-*olecanon* tax-xellug

Dawn huma fratturi ta' natura gravi.

Alexander Cassar, Dental Surgeon, xehed li ghalkemm hu kien opera lil Mallia fix-xedaq tieghu, Mallia kien ghadu jsofri disabilita, u jghid hekk *"Id-disabilita huwa min-nuqqas ta' snien li tilef u forsi anke minhabba li l-ksur ihalli r-residwi tan-nerv li ma jkunx jista' jhoss, minn dawk l-aspetti. Rigward funzjoni ta' mastikazzjoni tonqos."*

Mistoqsi jekk jistghax jaghti persentagg ta' disabilita, Alexander Cassar xehed hekk: *"... ... (F)'dan il-kaz, Luke tilef kwazi the whole percentage of incisors, ma jistghax jaqta bi snienu. It is not a figure, there is nothing international about this thing. Per ezempju hu tilef canine u about 3 incisors so that is about 4 teeth in all, so we are talking about lack of functions with the upper u allura pressa poco ghandu 80% mitluf."*

Mr. Carmel Sciberras, il-*Consultant Orthoapaedic Surgeon*, li kien jikkura lil Mallia xehed kategorikament li bil-ksur li sofra, Mallia qatt ma jista' jerga' jigi lura ghan-normalita, u kkwantifika d-disabilita tieghu ghal 28%. Fir-rapport tieghu, dan il-Konsulent qal hekk;

*"With all these multiple injuries Mr Mallia is lucky to be alive and walking unaided.*

*Nevertheless he still has many problems. The lack of knee flextion of both knees and the lack of full active extensor of L. knee will interfere with gait, standing, etc and they may well scupper*

*his idea of becoming a hairdresser. They will prevent him from becoming the dancer he wanted to be.*

*The left elbow will remain with a fixed flexion deformity of around 30 degrees.*

*The L. wrist may develop early osteoarthritis because the fracture was intraarticular.*

*The I.M. nails that he has in both femurs will remain inside him unless they give trouble e.g. break, get infected etc. They will have to be removed if he needs MRI in the future. The symphasis pubis will always remain a bit open.*

*The back and neck problems will persist as long as Mr. Mallia walks unsteadily."*

Dawn il-feriti certament jaqghu fit-termini tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi hekk:
*"L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin -*
*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; ... ..."*

La darba l-feriti li sofra Luke Mallia jaqghu fil-parametri tal-artikolu 218(a) u (b) tal-Kodici Kriminali, allura l-imputat hu hati taht l-Artikolu 216(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Fir-rigward ta' Giovanna sive Joan Zammit, mir-rapport tal-espert Dottor Mario Scerri jirrizulta li din sofriet diversi tbengil u abrazjonijiet u incizjoni fid-driegh tax-xellug li kienet twila 3.8cm u wiesgha 0.8cm. Ladarba, fic-citazzjoni, l-imputat hu akkuzat ta' kkaguna biss ferita hafifa involntarja fuq Giovanna Zammit, din il-Qorti tista' biss issibu hati ta' ferita hafifa involontarja taht l-Artikolu 216(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

*It-Tielet Imputazzjoni – Hsara Involontarja*

Rigward il-hsara fil-vetturi, l-espert Zammit jghid hekk:

*"15) … (L)-Opel Corsa … … kif l-esponent diga issottometta jinsab fi stat li ma jissewwiex u huwa dikjara bhala write off, u dan qabel ma garrab il-hsara li hawn fuq giet deskritta, kellu valur ta' elfejn lira Maltija (Lm 2,000). Dak li minnu baqa salv bhala wreck value, l-esponent jistmah (Lm 50).*

*16) Illi l-Mercedes Benz garrbet hsara li sabiex tissewwa tenhtieg spiza li tlahhaq il-mitejn lira Maltin (Lm 200)."*

Ghalkemm fix-xhieda tieghu u fl-invoice li ezebixxa, Carmel Bonello in rapprezentanza ta' Turista Ltd, li hi s-sid tal-vettura Mercedez Benz, il-hsarat ammontaw ghal LM764.92, il-Qorti sejra tibbaza d-danni tal-Mercedez Benz fuq l-istima tal-espert Zammit.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati talli ikkaguna hsara involontarja fuq il-vetturi Opel Corsa u Mercedez Benz bi ksur tal-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali.

Rigward it-tielet imputazzjoni, l-imputat huwa wkoll hati li konsegwenza tal-hsara involontarja li kkaguna fil-vetturi, huwa ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Luke Mallia u ferita hafifa fuq il-persuna ta' Giovanna Zammit bi ksur tal-Artikoli 328(b) u 328(c) tal-Kodici Kriminali.

*Ir-Raba Imputazzjoni – Sewqan bi ksur tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, deciza fis-6 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk:

> *"… … (D)in il-Qorti hi tal-fehma li jkun utli li wiehed jiddistingwi bejn sewqan b'nuqqas ta' kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluz imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu 1 tal-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65( (reckless driving, negligent driving u dangerous driving.* ***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi*

[2] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano

*forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola il-ksur tar-reoglamenti tat-traffiku, in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 15 bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjon fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandu jiehu minhabba l-probabbilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment sewqan f'kull kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96).*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u fid-dawl tac-cirkostanzi tal-habta in ezami, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' sewqan bla kont u wkoll ta' sewqan perikoluz, ai termini tal-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali aggiornata tal-imputat hija kwazi netta, hlief ghal kundanna wahda, li incidentalment hija ta' sewqan eccessiv ta' vettura tal-bahar u li saq l-istess minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija.

Pero, il-Qorti ma tistghax tinjora l-gravita ta' dan l-incident, u li bis-sewqan bla kont u perikoluz tieghu, l-imputat kien ghoddu qatel zghazugh, ghal xhur ,jekk mhux snin, ghadda lil dan iz-zghazugh u lill-familja tieghu minn martirju mentali u fiziku, stante li kellu jaghmel diversi interventi kirurgici u terapija, u halla lil dan iz-zghazugh b'diversi disabilitajiet ghal

ghomru. Fl-incident wegghet ukoll, ghalkemm b'mod hafif, il-passiggiera li kienet mal-imputat, apparti l-imputat innifsu.

L-imputat kellu 34 sena meta sehh dan l-incident u ghalhekk kien ragel matur. Ma jistghax jipprova jitlob mitigazzjoni fil-piena, billi jghid li ghamel dak li ghamel konsegwenza tal-bluha taz-zghozija.

Fit-trattazzjoni orali finali, d-difiza issottomettiet li ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena stante li l-imputat, tramite l-kumpanija tal-assigurazzjoni tieghu, hallas lil Luke Mallia, il-pendenzi kollha civili. Pero, kif inhu maghruf, il-proceduri kriminali huma separati u distinti minn dawk civili. Dan il-fatt, jimpedixxi lil din il-Qorti biss milli tordna lill-imputat ihallas ghad-danni li kkaguna, fil-limiti hija tista' taghmel dan skond il-Kodici Kriminali.

Pero, fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan il-fatt ma ghandu jkollu l-ebda effett fuq il-piena li ghandha tigi erogata lill-imputat. Il-piena hija intiza mhux biss bhala punizzjoni lill-imputat ghar-reati li ikkommetta, imma wkoll sabiex fl-ewwel lok l-imputat jaghraf is-serjeta tar-reati li kkommetta u ma jergghax jikkommetti l-istess zbalji, u fit-tieni lok sabiex tkun ta' deterrent lil membri ohra tas-socjeta milli jsuqu b'mod traskurat, bla kont jew perikoluz ghad-dannu ta' membri ohra tas-socjeta li jkunu qed isuqu ghall-affari taghhom fit-triq jew ikunu pedestrians. Il-Qrati ghandhom obbligu li jipprotegu lis-socjeta minn persuni li jikkommettu reati simili ghal dawk li ikkommeta l-hati.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, li fir-rigward tar-reati ghal feriti kagunati lil Luke Bonello u lil Giovanna Zammit, jezisti konkors formali jew ideali bejn ir-reati kontemplati fl-Artikoli 328(b) u (d) tal-Kodici Kriminali u dawk kontemplati fl-Artikoli 226(1)(a) u 226(1)(c) tal-istess Kodici, u konsegwentement l-ewwel zewg reati huma assorbiti fit-tieni zewg reati.

**Konkluzjoni**

Ghaldawn ir-ragunijiet, u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 226(1)(a), 226(1)(c), 328(a) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli

15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-hati mil-licenzji tas-sewqan kollha li ghandu, u milli jikseb licenzji tas-sewqan, ghal zmien sentejn, li jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qieghda tigi b'din is-sentenza erogata. Ghal dan il-fini, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-awtorita kompetenti ghandhom jivverifikaw mal-awtoritajiet karcerarji din id-data.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf hames mija u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€1580.15) – ekwivalenti ghas-somma ta' sitt mija u tmienja u sebghin Lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm678.36) li ghandhom jithallsu fi zmien sena (1) mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**